# Qorti tal-Maġistrati (Malta)
# Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)

Illum, 13 ta' Jannar 2024

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Showat Mohamed Ibrahim Khalleefah**

**(Detentur tal-passaport Libjan numru: AB975923.)**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Showat Mohamed Ibrahim Khalleefah** ta' 39 sena iben Ibrahim u Mouna nee' Abusheira ta' nazzjonalità Libjana, residenti Pendergardens, imwieled Misratah, Libja nhar is-26 ta' Ottubru 1984 u detentur tal-passaport Libjan bin-numru AB975923 u akkużat talli fit-12 ta' Jannar 2024 u/jew fil-jiem ta' qabel ġewwa San Ġiljan, preċiżament fil-Lukanda Westin Dragonara, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor mobbli jew immobli għad detriment tas-sidien tal-imsemmija lukanda, bl-ammont li jeċċedi l-250 Ewro iżda ma jiskorrix l-2500 Ewro bi ksur tal- Artikolu 325(1)(b) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta'Malta.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkuża dedotta kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk irid, jerġa' lura minnha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi jirriżulta li l-akkużat kien qiegħed fil-Lukanda Westin Dragonara, San Ġiljan meta għal xi raġuni beda jkisser bieb ta' kuritur, liema bieb huwa *fire door*. Il-pulizija ssejħet fuq il-post u hemmhekk arrestat lill-akkużat li ammetta magħhom mal-ewwel li kien hu li kisser il-bieb.

Il-Qorti semgħet illi l-akkużat ħallas id-danni kkaġunati minnu lid-diriġenti tal-lukanda.

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tiegħu, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħatja tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tqis li l-akkużat għandu fedina penali nadifa u li ammetta l-involviment tiegħu mal-ewwel mal-pulizija u ħallas ukoll id-danni minnu kkawżati.

B'hekk, il-Qorti tqis li għalkemm piena karċerarja hija idonea, din m'għandhiex tkun waħda effettiva u dan anke għaliex dan kien inċident ta' darba u l-akkużat skuża ruħu mad-diriġenti tal-lukanda.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil Showat Mohamed Ibrahim **ħati** tal-akkuża dedotta kontra tiegħu u tikkundannaħ għal piena ta' tmien (8) xhur priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Mata qed tiġi sospiża għall-perjodu ta' tmintax-il (18) xahar mil-lum.

Illi ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**